MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA

Seduta ta' l-24 ta' Ottubru, 2013

Citazzjoni Numru. 741/2009

**Caroline sive Carol Mackay (ID 43180(M) personalment u Carol Mackay (ID 43180(M) u Susan Saffrett (ID 240966 (M) ghan-nom u in rapprezentanza tal-assenti ohthom Josephine sive Josline Gallagher mart Paul Gallagher li ghandha passaport Malti numru 679427**

**vs**

**Joseph Aquilina u b'korrezzjoni awtorizzat b'digriet tal-24 ta' Marzu 2011 gie sostitwit bi Dottor Michelle Tabone (138371M) fil-kwalita' taghha ta' Ekonomu ta' Monsinjur Arcisqof, Amministratur tal-Beni tal-Entitajiet Religjuzi Djocesani , ghan-nom u fl-interess tad-Dar tal-Providenza u bid-digriet ta' 24 t'Ottubru 2013 Suor Judith Busuttil, ID numru 749245M bhala Superjura Generali u Suor Natalina Zammit ID numru 834128M bhala Ekonoma, ghan-nom u fl-interess tas-Sorijiet tal-Ursolini ta' Sant Angela Medici ta' tas-Sliema u tal-**

**Belt, Valletta bhala eredi universali tal-mejjet Anthony Mackay**

**Il-Qorti :**

Rat r-rikors guramentat minn Caroline sive Carol Mackay (ID 43180(M) personalment u Carol Mackay (ID 43180(M) u Susan Saffrett (ID 240966 (M) ghan-nom u in rapprezentanza tal-assenti ohthom Josephine sive Josline Gallagher mart Paul Gallagher li ghandha passaport Malti numru 679427 tat-23 ta'Lulju 2009, li jaqra hekk :

*"Illi r-rikorrenti huma wlied Anthony Mackay li miet fl-4 ta'Mejju 2009 u dan kif juri mill-annessi estratti tac-certifikati tat-twelid markati Dok A u Dok B;*

*Peress li missier ir-rikorrenti miet fl-4 ta' Mejju 2009 (Dok C) u skond ir-ricerki testamentarji hawn annessi u markati Dok D u Dok E jirrizulta li skond it-testment tal-15 t'Ottubru 2004 fl-atti tan-Nutar Dottor Tonio Cachia, il-mejjet missierhom Anthony Mackay ddizerdithom (Dok C certifikat tal-mewt, Dok D sa Dok F –ricerki testamentarji u testment)*

*Peress li l-mejjet missierhom mmodifika l-istess testment permezz ta' testment iehor at-2 t'Ottubru 2008 fl-atti tan-Nutar Tonio Cachia (Dok G –testment izda mhux l-klawsoli ta' dezerzjoni.*

*Peress li l-mejjet missierhom halla bhala werrieta universali tieghu lis-sorijiet tal-Ursolini tal-Belt u ta' Tas-Sliema u lid-Dar tal-Providenza kif jirrizulta minn l-istess testment tal-15 t'Ottubru 2004 fi kwota ta' terz indiviz kull wiehed;*

*Peress li l-mejjet missierhom kien legalment separat skond kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr George Bonello Dupuis tas-17 t'Ottubru 1984 (kopja annessa u markata Dok H) u ghalhekk l-assi jappartjenu lil mejjet Anthony Mackay biss;*

*Peress li l-mejjet missierhom halla bhala ezekutur testamentarju lil Godwin Bencini izda l-istess Bencini rrinunzja ghall-esekuterija (Dok I – digriet 321/2009);*

*Peress li r-rikorrenti Josline sive Josephine Gallagher tirrisjedi barra minn Malta u awtorizzat lil hutha Carol Mackay u Susan Saffrett sabiex jidhru ghan-nom u in rapprezentanza taghha (Dok J –prokura);*

*Peress li rikorrenti ma ghandhomx tfal;*

*Peress li r-rikorrenti jikkontendu li ma tezisti ebda wahda mir-ragunijet moghtija fl-Artikolu 623 tal-Kodici Civili ma tissussisti fil-konfront taghhom u li wkoll l-ebda raguni ta' dizeredazzjoni ma hi ppruvata mit-testatur fit-testment tieghu tal-15 t'Ottubru 2004 fl-atti tan-Nutar Dottor Tonio Cachia u dan ai termini tal-Artikolu 625 tal-Kodici Civili;*

*Peress li ma hemmx raguni valida fil-ligi ghaliex ir-rikorrenti ghandhom jigu dizereditati u ghalhekk huma ghandhom jedd ghas-sehem rizervat lilhom skond il-ligi ai termini tal-Artikolu 629 tal-Kodici Civili;*

*Illi l-inimata Kurja Arciveskovili kellha titharek f'din il-kawza stante li hija din l-istituzzjoni li tamministra l-beni tal-werrieta;*

*Peress li l-mejjet Anthony Mackay u martu li minnha kien legalment separat kellhom tmint itfal ilkoll maggorenni li huma, Marika mart Paul Dalli, Susan mart Alan Saffrett, Jacqueline mart Redent Briffa, Dennis, Josephine sive Joslin, Caroline sive Carol, Anthony maghruf bhala Tonio u Stephen ahwa Mackay.*

*Peress li kwalsiasi bejgh, weghda ta'bejgh, trasferimenti u /jew koncessjoni bi kwalsiasi titolu, b'mod oneruz jew gratuwitu, koncernati din il-propjeta sejjer jikkomprometti lill-atturi rikorrenti;*

*Jghidu l-konvenuti ghaliex ghar-ragunijiet premessi m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:*

*1. Tiddikjara li ma jezistu ebda raguni valida fil-ligi li ghaliha r-rikorrenti jistghu jigi dizeredati mill-mejjet missierhom Anthony Mackay u li ghaldaqstant d-dizeredazzjoni tar-rikorrenti mhix sostenibbli;*

*2. Tiddikjara li r-rikorrenti ghandhom dritt ghas-sehem rizervat lilhom skond il-ligi;*

*3. Tiddikjara li sakemm tinghata l-legittima lill-atturi noe skond il-ligi l-assi kollu tat-testatur ghandhom jigu konservati u konsegwentement tordna li ebda assi tieghu ma ghandhom jigu trasferiti, moghtija jew assenjati taht kwalsiasi titolu;*

*4. Tillikwida l-assi ereditarji ta'Anthony Mackay u tistabilixxi, okkorrendo bl-opera ta'periti nominandi, l-valur tas-sehem rizervat spettanti lil kull wahda mir-rikorrenti;*

*5. Previa kull dikjarazzjoni koncernanti l-kwoti rispettivi spettanti lill-atturi tordna lill-konvenuti jew minn minnhom, sabiex jaghtu lill-atturi noe s-sehem spettanti lilhom, ossia s-sehem rizervat skond il-ligi skond il-valur stabilit minn dina l-Onorabbli Qorti fi zmien li din il-Qorti joghgobha tipprefiggi;*

*6. Tordna lill-konvenuti intimati jew minn minnhom sabiex ma jbieghux u / jew jitrasferixxu jiddisponu jikkoncedu u jweghdu lil terzi taht kwalsiasi titolu, b'mod oneruz jew gratuwitu ukoll milli jammettu fil-pussess u/jew jikkonsenjaw ebda assi mill-wirt tal-mejjet Anthony Mackay sakemm l-konvenuti jew min minnhom jghaddi lill-atturi s-sehem spettanti lilhom ossia l-legittima kif likwidata minn dina l-Onorabbli Qorti;*

*7. Kemm –il darba jirrizulta lil din il-Qorti li dawn l-assi ma humiex komodament divizibbli, tordna l-licitazzjoni tal-istess jew parti minnhom, skond il-kaz sabiex mir-rikavat huma jithalsu tal-legittima spettanti lir-rikorrenti kif likwidata minn dina l-Onorabbli Qorti u l-bilanc jekk jifdal jigi depozitat taht l-awtorita tla-Qorti;*

*8. Jigu nominat nutar sabiex jippubblika l-atti opportuni ta' assenjazzjoni tal-legittima lill-atturi u kuraturi biex jirraprezenta l-kontumaci fuq dak l-att.*

*Bl-ispejjez komprizi kontra l-konvenuti intimati li minnn issa huma ingunti in subizzjoni."*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mir-rikorrenti u l-elenku ta' dokumenti esebiti mar-rikors guramentat;

Rat li l-atti tar-rikors guramentat u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati lill-intimati skond il-ligi;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuti kif ingunti kif ukoll ta' Dottor Michelle Tabone (138371M) fil-kwalita' taghha ta' Ekonomu ta' Monsinjur Arcisqof, Amministratur tal-Beni tal-Entitajiet Religjuzi Djocesani , ghan-nom u fl-interess tad-Dar tal-Providenza.u ta' Suor Judith Busuttil, ID numru 749245M bhala Superjura Generali u Suor Natalina Zammit ID numru 834128M bhala Ekonoma, ghan-nom u fl-interess tas-Sorijiet tal-Ursolini ta' Sant Angela Medici ta' tas-Sliema u tal-Belt, Valletta bhala eredi bil-beneficcju u tal-inventarju tal-mejjet Anthony Mackay, tal-4 ta' Settembru 2009 li taqra hekk :

*1. "Illi l-ewwelnett u qabel kollox, l-Ekonomu ta' Monsinjur Arcisqof illum hija 1-esponenti Dottor Michelle Tabone ID numru 138375M u mhux Joseph Aquilina li ilu mejjet diversi snin u ghalhekk 1-atturi ghandhom jiehdu hsieb jitolbu l-legitimazzjoni tal-atti opportuna;*

*2. Illi preliminarjament ukoll, il-konvenuti Sorijiet tal-Ursolini huma rapprezentati fil -gudizzju mis-Superjura Generali u mill-Ekonoma u 1-atturi ghandhom jiehdu hsieb jitolbu il-legittimazzjoni tal-atti opportuna sabiex i,-proceduri ikunu ritwali;*

*3. Illi, subordinatarnent u minghajr ebda pregudizzju ghall-premess, il-konvenuti "Madre Superjuri Sorijiet tal-Ursolini Sliema, Madre Superjuri Sorijiet tal-Ursolini Valletta u d-Direttur tad-Dar tal-Provvidenza" fil-vesti taghhom personali kif ingunti , ma humiex il-legittimi*

*kontraditturi stante li m'humiex, fil-vesti taghhom personali, eredi tal-mejjet Anthony Mackay u ghalhekk ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju;*

*4. Illi, subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, 1-atturi Carol Mackay u Susan Saffret iridu jgibu prova, skont il-ligi, tal-mandat li huma jsostnu li ghandhom sabiex jirraprezentaw lil ohthom Josephine sive Josline Gallagher fil-gudizzju;*

*5. Illi, subordinatarnent u minghajr ebda pregudizzju, kuntrarjament ghal dak imsemmi fil-premessi tac-citazzjoni. jidher li jezistu ragunijiet validi fil-ligi ghaliex l-atturi kellhom jigu dizereditati u dan anke - pero mhux unikament - kif mfisser fl-affidavit tal-istess decujus Anthony Mackay anness mat-testment tal-15 ta' Ottubru 2004 li ghar-ragunijiet taghhom 1-atturi ghazlu li ma jezibux flimkien mal-istess testment ghalkemm dan it-testment gie anness mar-rikors guramentat u l-esponenti ghalhekk qed jghaddu biex jipprezentaw kopja tal-istess affidavit markat Dok. "AFF1", u ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu kollha respinti;*

*6. Illi, subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, la darba 1-mewt sehhet f din is-sena, u li kieku, dato ma non concesso li huwa minnu li ma tezisti 1- ebda raguni valida fil-ligi biex 1-atturi jigu dizereditati, huma kien ikollhom dritt unikament ghas-"sehem rizervat" u mhux ghall-"legittima" kif imsemmi fit-tielet talba attrici;*

*7. Illi, subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, kieku jezisti d-dritt ghas-sehem rizervat favur 1-atturi, dan jikkostitwixxi unikament kreditu versu 1- eredita' u ghalhekk ma hemm 1-ebda raguni valida fil-ligi biex 1-esponenti jigu inibiti mill-jittrasferrixxu jew jassenjaw il-mobbli jew 1-immobbli appartententi lill-istess eredita', u ghalhekk ir-raba' u s-sitt talbiet attrici huma infondati fill-fatt u fid-dritt;*

*8. Illi, subordinatament u minghajr pregudizzju gialadarba l-eccipjenti issa qed jikkumpillaw u ser jghaddu*

*ghall-pubblikazzjoni tal-inventarju skont il-ligi, ir-raba talba safejn titlob il-likwidazzjoni tal-assi ereditarji hija guridikament inammissibbili;*
*9.*
*10. Illi subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, 1-eccipjenti ma ghandhomx ibaghtu 1-ispejjez ta' din il-kawza stante li huma qatt ma gew interpellati in rigward;*

*11. Illi, subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, l-eccipjenti, f'dan l-istadju ghad m'ghandhom f'idejhom 1-ebda attiv tal-istess wirt u ma ndahlux fih u kien biss b'nota pprezentata ftit tal-jiem ilu fil-Qorti Kompetenti li ddikjaraw li huma qed jaccettaw li 1-imsemmi wirt bil-beneficcju tal-inventarju u , f'dan 1-istadju ghadhom kif bdew ir-ricerki biex ikunu jistghu jikkumpilaw 1- inventarju skont il-ligi, Ghalhekk umilment jirrizervaw li jeccepixxu ulterjorment skont 1-ezitu tar-ricerki taghhom tal-attiv u 1-passiv tal-istess wirt;*

*Illi fir-rigward ta' dak dikjarat fir-Rikors Guramentat,*

*i. huwa minnu dak imsemmi fl-ewwel premessa pero id-decujus halla ulied ohra;*

*ii. illi fir-rigward ta' dak imsemmi fit-tieni u t-tielet premessa. 1-esponenti qed taghmel ir-ricerki taghha;*

*iii. illi fir-rigward ta' dak imsemmi fir-raba' premessa, 1-esponenti jaqblu ma dak hemm imsemmi;*

*iv. illi fir-rigward ta' dak imsemmi fil-hames u s-sitt premessa, 1-esponenti jirrimettu ruhhom ghall-atti;*

*v. illi fir-rigward ta' dak imsemmi fis-seba' u fit-tmien premessa, dan irid jigi ppruvat;*

*vi. illi r-rikorrenti jridu jipprovaw dak imsemmi fid-disa' u l-ghaxar premessi li qed jigu kontestati huma kontestati;*

*vii. illi 1-Kurja Arciveskovili, minkejja dak imsemmi fil-hdax-il premessa, ma gietx ingunta f din il-kawza u ma ghandhiex ghalfejn tigi ingunta*

*viii. illi dak imsemmi fit-tnax il-paragrafu mhux kompletament korrett stante li 1- mejjet Anthony Mackay, minbarra 1-imsemmija tmint-itfal, iddikjara f'Affidavit tieghu, (Dok. "AFFI" ezibit) ii huwa kellu wkoll iben iehor minn relazzjoni li kellu ma terza persuna*

*ix. illi mhux minnu dak imsemmi fl-ahhar premessa ghar-ragunijet fattwali u legali;*

*Illi 1-eccipjenti jafu bil-fatti imsemmija fl-ewwel tliet eccezzjonijiet di scientia propria"*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kaz;

Rat in-nota konguntiva tal-partijiet tal-25 t'April 2013;

Rat il-verbal kongunt tal-partijiet tal-25 t'Aprill 2013 illi fih il-partijiet bla pregudizzju ghall-kwistjoni ta' dizeredazzjoni tal-atturi, il-partijiet qabblu dwar is-somma ta' sitta u erbghin elf, u hames mitt Ewro, (€46,500) ghall-kull attur, bhala somma liwidata ghas-saldo tal-legittima ossia sehem riservat, jekk ikun hemm ezitu favorevoli minn din il-Qorti ghall-atturi;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-atturi tal-31 ta' Mejju 2013;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenuta nomine tat-23 t'Awwissu 2013 u digriet ta' din il-Qorti tal-istess data;

Rat il-verbal tal-25 t'April 2013, fejn il-partijiet qabblu illi ma kienx hemm htiega ghat-trattazzjoni tal-partijiet in vista tan-nota t'osservazzjonijiet illi kienu behsiebhom jipprezentaw;

Rat id-digriet ta' din il-Qori tal-24 t'Ottubru 2013;

**Ikkonsidrat:**

Illi din il-kawza tirrigwarda azzjoni da parti ta' tlieta minn ulied il-mejjet Anthony MacKay u cioe' Carol Mackay, u Josline Gallagher ghall-legittima u kwindi qeghdin jikkontestaw id-dizeredazzjoni fit-testment tal-mejjet, missierhom Anthony MacKay datat 15 t'Ottubru 2004 vide Dok. F – a fol. 25 et seq. .

Jirrizulta minn Dok.J a fol. 44 Josline maghrufa bhala Josephine Gallagher, tat il-prokura lill-atturi Caroline MacKay u Susan Saffrett sabiex jidhru ghan nom taghha f'dawn il-proceduri.

Jirrizulta li Anthony Mackay miet fl-4 ta'Mejju 2009 - vide certifikat tal-mewt Dok. C a fol.8.

Jirrizulta illi bejn il-mejjet Anthony Mackay u martu Josephine nee' Agius, kien hemm separazzjoni personali kif jidher minn Dok.H a fol 39 sa 41.

Illi mir-ricerki testamentarji Dok.D, E ,F, G jirrizulta illi mit-testment Dok.F a fol 25 at. Seq. datat 15 t'Ottubru 2004 , fl-atti tan-Nutar Dr. Cachia, it-testatur Anthony Mackay iddezeredita lis-segwenti ulied:

1. Susan mart Alan Saffrett;
2. Josline sive Josephine mizzewga Gallagher ;
3. Caroline MacKay;
4. Stephen MacKay;
5. Anthony MacKay, (vide Artikolu 7 a fol 26 tal-process)

Illi minkejja illi it-testatur Anthony MacKay immodifika it-testment fuq indikat permezz ta'testment iehor datat 2 t'Ottubru 2008 fl-atti tan-Nutar Dr. Tonio Cachia, l-klawsola ta'dizeredazzjoni ta'uliedu fuq indikati baqghet fis-sehh.

L-attrici Caroline MacKay fix-xhieda taghha – vide affidavit a fol. 187 et seq. isostni illi hija kellha biss erba' snin meta missierha u ommha isseparaw u ghexet dejjem jew m'ommha jew man-nanna materna, u bil-kemm kienet taf lill-missierha. Hija xhedet li baqghet tindokra lill-ommha sal-mewt taghha. Hija sostniet illi kienet hassitha dispjacutha hafna meta, insegwitu tal-mewt t'ommha, missierha Anthony MacKay kien gie fil-kamra mortwarja akkompanjat mis-siehba tieghu. Hija tinnega illi kienet insultatu jew ghajritu u sosstni li ***" Kull ma ghetlu kien li ma messux gie ma xbintu."-*** vide fol. 187, Caroline MacKay xhedet illi kienet ix-xewqa t'ommha illi hija tigi midfuna mal-Karmelitani, u li hija w hutha kienu rrispettaw din ix-xewqa taghha. Innegat li hi w hutha ma ridux jidfnu lill-ommhom fil-qabar t'Anthony MacKay. Innegat illi cemplet lill-missierha biex tavzah biex ma jattendix ghall-funeral t'ommha, pero' ikkonfermat li meta cempel missierha hija qaltlu biex ma jigix mas-siehba tieghu ***"ghax hemm mhux postha."-*** vide fol. 187. Caroline MacKay xhedet illi hija kellha disgha u ghoxrin sena meta miet missierha u ma ratux iktar minn ghaxar darbiet f'hajjitha, u dana meta inzertatu il-Belt. Ghaldaqstant Anthony MacKay zgur ma jistghax isostni li hija kienet tahqru. Anzi kienu hija u ohtha Susan Saffrett li hadu hsieb l-arrangament tal-funeral tieghu , bil-fjuri u quddies etc...

Dennis MacKay f'affidavit tieghu a fol. 190, xehed li huwa kellu relazzjoni tajba ma missieru, kien jghinu fix-xoghol tieghu fuq il-monti u li missieru ***"kien ikellimni fuq kollox."*** Dennis MacKay isostni li missieru qatt ma tgharraflu dwar xi problemi li seta' kellu ma Caroline u Josline, la qatt rahom isawtu lill-missierhom, jghajruh jew ikellmuh b'mod mhux xieraq. Ikkonferma illi hu u hutu kienu iddispjacuti meta missierhom attenda l-kamra mortwarja akkompanjat mis-siehba tieghu , u li hutu kienu segwew ix-xewqat t'ommhom ghar-rigward tat-dfin taghha. Ikkonferma ukoll li Caroline kienet tghix ma nannithom, Josline kienet tghix fil-Villa. Dennis MacKay sostna ***"naf fic-cert li lill-missieri qatt ma sawtuh billi jiena kont inkun hafna mieghu u jkellimni ta' spiss"*** vide fol. 190.

Susan Saffrett fl-affidavit taghha a fol. 191 ikkonfermat ix-xhieda ta' Caroline u Dennis Mackay u ziedet tghid illi Josline kienet ilha imsiefra l-Irlanda ghall-aktar minn hmistax –il sena u vjaggat sabiex tattendi il-funeral t'ommha. Ikkonfermat li la Caroline u lanqas Josline ma haqqru lill-missierhom Anthony MacKay, skond l-affidavit anness mat-testment tieghu.

Alan, John Saffrett, ir-ragel ta' Susan Saffrett, xhed li Anthony MacKay qatt ma qallu xejn kontra Caroline jew Josline, u li dawn tal-ahhar kienu jghixu m'ommhom u li tfal t'Anthony MacKay ***"trabbew f'ghaks ghax missierhom ma kienx jaghti manteniment lill-ommhom minkejja illi huwa kien jeghreq fil-flus."***

Fl-affidavit tieghu a fol. 193, Stephen MacKay isostni illi missieru qatt ma qal xi haga konta bintu Caroline jew sema lill-Caroline tghid xi haga kontra missierha. Isostni l-istess ghar-rigward ta' ohtu Josline. Huwa sostna illi hutu Caroline u Josline ma kienx haqqhom li jigu dizeredati.

Fl-affidavit taghha Jacqueline Briffa, bint Anthony MacKay xhedet li hija kienet giet imhollija l-legittima skond it-testment ta' missierha ghalkemm hi, flimkien ma Josline, Susan u Caroline kienu canfru lill-missierhom in segwitu tal-mewt t'ommhom, ghaliex dan kien attenda il-kamra mortwarja flimkien mas-siehba tieghu. Ikkonfermat li hutha kienu difnu lill-ommhom skond ix-xewqat taghha. **Jacqueline Briffa xhedet li missierha Anthony MacKay kien jahqar lill-ohtha Josline billi jahraqha bis-sigaretti, jorbotha bil-faxxex u jixxutjha bil-*boots*.** Hija ikkonfermat :

***"Ahna batejna hafna ma missierna."*** – vide fol 194

Marika Dalli, bint Anthony MacKay xhedet li missierha hallielha l-legittima; ikkonfermat li missierha qatt ma kellu argumenti ma Caroline jew Josline, ghajr ghall-incident fil-kamra mortwarja. Hija sostniet li Caroline dejjem trabbiet m'ommha u nanna materna.

Anthony Mackay (Junior), fl-affidavit tieghu a fol 196 , ikkonferma x-xhieda ta' hutu, u l-incident fil-kamra mortwarja. Huwa sostna li hutu ezegwew ix-xewqat t'ommhom ghall-post fejn riedet tindifen. Afferma l-mohqrija da parti tal-missieru fuq Josline liema inkludiet hruq bis-sigretti u qfil fl-*store*. Huwa iddikjara li appenna kienet twieldet Caroline, u l-omm irritornat id-dar mill-isptar, Anthony Mackay informa lill-martu li kien se jaghti lit-tarbija Caroline lill-certu Charlie li kellu il-hanut l-Amerikan il-Belt: ***"ommi ma rieditx u tghidx kemm bkiet."*** -vide fol 196. Ikkonferma illi Josline kienet ilha imsiefra xi hmistax –il sena u li kien cert li hija ma kelliex argumenti ma missierha jew li haqritu.

John MacKay fl-affidavit tieghu a fol. 197, u Paul Mackay a fol. 198 ikkonfermaw ix-xhieda ta' huthom.

Illi ir-ragunijiet ghall-dizeredazzjoni ta' Josline Gallagher, u Caroline MacKay moghti f'Dok.F Testment datat 15 t'Ottubru 2004, fl-atti tan-Nutar Dr. Tonio Cachia kienu:

***"il-fatt li huma hatja ta' krudelta' u mohrija ... nuqqas ta' rispett, nuqqas ta' manteniment... tgheddid kemm bil-persuna u kemm bit-telephone,"*** u insulti. – vide fol 26.

Fl-istess testment il-mejjet MacKay jaghti indikazzjonijiet ta' incidenti li graw fil-konfront uliedu Stephen u Anthony, Dennis MacKay u Jacqueline Briffa, li din il-Qorti mhix ser tissindikhom stante li dawn m'humiex parti mill-kawza.

Illi l-affidavit tat-testatur Anthony MacKay (anness ma testment Dok. F - vide fol 28 et seq), huwa ***a testimonial*** ta' dak kollu illi missier m'ghandux ikun, cioe' huwa l-*antithesis of fatherhood*. Dan qieghed jinghad ghaliex fis-seba' faccati tal-affidavit tieghu, Anthony MacKay issemmi incidenti li jikxfu l-karattru veru ta' dan il-missier (lill-MacKay) b'rezultat illi wiehed malajr jinduna illi MacKay kien missier vendikattiv, b'rebgha kbira ghall-gid materjali u b'xahha mhux biss ghall-flus, izda ghal kull sentiment emottiv li ghandu ikollu kull missier. Din il-Qorti tqis illi Anthony MacKay kien missier li ma jafx it-tifsira tal-

imhabba tal-mahfra, ta’hniena u moghdrija u komprensjoni.

Anthony Mackay fl-affidavit tieghu juri ruhu bhala persuna li ried jiddomina u jikontrolla lil kull min kien taht idejh, b’mod specjali lit-tfal tieghu. Dan il-kontroll intwera minn MacKay matul hajtu billi zamm lit-tfal tieghu neqsin minn flus ghall-manteniment taghhom, bi tqeghid ta’ uhud minnhom f’orfanatrofji u bil-fatt li dehrlu illi uliedu u martu kellhom jaccettaw id-diversi relazzjonijiet *extra* matrimonjali tieghu u jaccettaw ukoll lill-ibnu naturali. Dan il-kontroll estrem, ried jkompli jwettqu mhux biss matul hajtu **izda anki wara mewtu** billi iddiskrima bejn uliedu ghall-dak illi hallilhom biex jipprovoka l-glied u mrar bejn uliedu sahhansitra anki wara mewtu. Forsi l-apice tal-vendikazzjoni kienet manifestata meta biex jiscapricca x-xewqat ta’ martu dwar id-dfin taghha mal-Karmelitani, Anthony MacKay, sahhansitra biegh il-qabar tieghu u ta istruzzjonijiet biex hu jindifen precizament fejn ghazlet li tindifen martu.

L-animu t’Anthony MacKay forsi jista’ jigi katturat minn kliemu stess :

***“Minn dawn il-pagni tinduna li jiena bassart x’ser jaghmlu ftit minn uliedi wara mewti, u x’jer jghidu biex jiehdu parti gidi, meta fil-passat qaluli hafna drabi li m’humiex bzonn flusi.”*** – vide fol 29.

***“Forsi Tonio u Dennis jghidu li jiena sa kelli naqfilhom f’St Patricks College. Forsi jghidu li ghalhekk joghboduni imma ftakru li Tonio rabbithu n-nanna”*** – vide fol. 30.

***“Meta issaparajna minn gol-Villa gol-Kappara, marti marret go kerrejja mahmuga.”*** –vide fol 31.

Waqt li Anthony MacKay donnu kien skoxjenti ta’kull azzjoni hazina li infligga fuq martu u fuq uliedu, l-affidavit anness mat-testment tieghu, juri bic-car illi MacKay kien baqa’ jiftakar u jzomm fih, kull dizgwit minuri, kull insult anka fittizzju illi kellu ma uliedu. Hekk perezempju

minkejja illi MacKay **naqas li jaghti l-manteniment lil martu ghaliha nnfisha u ghan-nom ta' uliedu ghal diversi snin**; **minkejja li ghazel li jhalli lill-uhud minn uliedu f'orfanatrofju tal-knisja**; **minkejja l-krudelta' li wera lill-uliedu b'mod specjali lil Joseline bi swat u hruq permezz tas-sigaretti**, MacKay fl-afidavit tieghu, baqa' **jiftakar incidenti jew "insulti", kwasi redikoli u baqa' jiftakar u jsemmi self t'ammonti rrizorji li ma gewx irritornati minn uliedu**: hekk a fol 34 jilmenta illi waqt li kien id-dar ta'Tonio, hu (it-testatur MacKay) irrovina qalziet li jiswa tnejn u ghoxrin liri Maltin (Lm 22); A fol 33 jilmenta illi jiftakar incident fejn Caroline ma taghtux bicca hobz, ghax qalet li ma kienx fadallha hobz; jiftakar incidenti fejn persuni mhux maghrufa saddewlu katnazzi u serraturi bis-sulfarini u iddecieda li jwahhal f'uliedu.

**Ikkonsidrat:**

L-Artikolu 623 tal-Kap.16 cioe il-Kodici Civili, jaghti ir-ragunijiet illi l-Legislatur Malti jaghraf li jiggustifikaw id-dizeredazzjoni:

***623. "Bla ħsara tad-disposizzjonijiet tal-artikolu 630, ir-raġunijiet li għalihom dixxendent jista' jiġi diżeredat huma dawn biss li ġejjin:***

***(a) jekk id-dixxendent ikun ċahad mingħajr raġuni l-manteniment lit-testatur;***

***(b) jekk, fil-każ li t-testatur jiġġennen, id-dixxendent jabbandunah mingħajr ma jieħu b'ebda mod ħsieb tiegħu;***

***(ċ) jekk, fil-każ li d-dixxendent seta' jeħles lit-testatur mill-ħabs, hu naqas mingħajr raġuni tajba li jagħmel dan;***

***(d) jekk id-dixxendent sawwat it-testatur, jew xort'oħra sar ħati ta' moħqrija lejh;***

***(e) jekk id-dixxendent kien ħati lejn it-testatur ta' offiża gravi;***

***(f) jekk il-persuna dixxendenti tkun tipprostitwixxi ruħha mingħajr konnivenza tat-testatur;***
***(g) f'kull każ li fih it-testatur, minħabba ż-żwieġ tad-dixxendent, ikun ġie, taħt id-disposizzjonijiet tal-artikoli 27 sa 29, dikjarat ħieles mill-obbligu li jagħti l-manteniment lil dak id-dixxendent"***

L-azzjoni odjerna hija ntiza sabiex timpunja r-ragunijiet li biha t-testatur Anthony MacKay iggustifika id-dizeredazzjoni t'uliedu l-atturi.

Din il-Qorti ezaminat l-insenjament ghaqli moghti fis-sentenza in parte fl-ismijiet **"Dorothy Grech mart Emanuel vs Deborah Fenech De Fremaux"** deciza fit-**8 ta'Frar 2006** per **l-Onor Imhallef Dr. J. R. Micallef**.

***"Illi l-jedd tad-diżeredazzjoni huwa kontrollat mill-awtorita' ġudizzjarja biex jiġi mistħarreġ jekk kemm-il darba r-raġuni msemmija mit-testatur kinitx tiswa jew le. Testatur li jagħmel użu ħażin minn dak il-jedd jitqies bħallikieku ma eżerċitahx[1] . Il-gravita' tar-raġuni li dwarha testatur jista' jiddeżereda werriet għandha tkun tali li mhux kull għamil meqjus bħala offensiv mit-testatur jagħti raġuni għad-diżeredazzjoni [2];***

***Illi d-diżeredazzjoni hija meqjusa bħala ċirkostanza eċċezzjonali li fiha t-testatur ikun jista' jħalli barra mill-wirt tiegħu lil min, mod ieħor, huwa bil-liġi mħolli dak il-jedd. Fi kliem ieħor, f'sistema ġuridiku bħalma huwa dak Malti fejn it-testatur m'huwiex mogħti liberta' sħiħa dwar kif jiddisponi minn ġidu għal wara mewtu, id-diżeredazzjoni hija "rimedju" li jingħata lit-testatur dwar persuna li – kieku mhux għal raġuni***

[1] App. Ċiv. 14.11.1938 fil-kawża fl-ismijiet Bartolo et vs Camilleri noe et (Kollez. Vol: XXX.i.240 )
[2] P.A. 20.3.1949 fil-kawża fl-ismijiet Attard Montalto vs Attard Montalto (Kollez. Vol: XXXIII.ii.357 )

***serja u gravi maħsuba fil-liġi[3] – kien ikollha jedd għal-leġittima. Hija ċirkostanza li tmur kontra r-regola, u għalhekk hija mħarsa b'normi speċjali bil-għan li persuna ma titneħħiex kapriċċjożament mill-jedd li tieħu s-sehem minimu li jmissha skond il-liġi. Fuq kollox, id- diżeredazzjoni hija għamla ta' kastig li t-testatur jista' jimponi minħabba xi għamil jew omissjoni li għaliha jkun jaħti l-werriet. B'differenza miċ-ċirkostanzi fejn persuna ma jkunx jistħoqqilha tiret lit-testatur [4] , id-diżeredazzjoni hija sanzjoni li huwa t-testatur innifsu li jagħżel li jimponiha, u hija meqjusa bħala istitut odjuż li jmissu jitneħħa[5] . Kemm hu hekk, fil-bidliet li saru dan l-aħħar fil-liġi tas-Suċċessjoni, id-diżeredazzjoni tal-axxendenti tneħħiet[6], iżda l-leġislatur ma deherlux li huwa l-waqt li titneħħa wkoll dik tad-dixxendenti;***

***Illi l-liġi trid li r-raġuni tad-diżeredazzjoni tissemma espressament fit-testment [7] u l-prova tagħha trid issir mill- persuna li tallegaha [8] . Ir-raġuni li tissemma trid ukoll tkun waħda mir-raġunijiet imsemmijin fil-liġi f'lista li hija tassattiva u ma tippremetix tifsir b'analoġija. It-tifsir tar- raġuni tad-diżeredazzjoni għandu jkun wieħed restrittiv favur il-persuna mneħħija mill-wirt u mhux tifsir kontriha [9] . Iżda fejn ir-raġuni għad-diżeredazzjoni ma tissemmiex jew ma tiġix pruvata, l-persuna li tkun tneħħiet mill-wirt ikollha biss jedd għal-leġittima [10] ."***

Illi l-interpretazzjoni tar-ragunijiet ghad-dizeredazzjoni hija restrittiva **favur min qieghed jimpunja d-dizeredazzjoni u mhux favur il-volonta' tat-testatur** – vide Ibid "**Giovanni Bartolo vs Anthonio Bartolo et."** u **"Filippa**

[3] Raġuni serja u gravi bi żż ejjed li tista' ċċaħħad il-jedd tal-manteniment skond l-artikolu 32 tal-Kap 16
[4] Ara l-art. 605(1) tal-Kap 16
[5] Caruana Galizia Notes on Civil Law – Law on Succession ,paġġ . 1003-4
[6] L-artikolu 624 tal-Kodiċi Ċivili tħassar bl-art. 65 tal-Att XVIII tal-2004
[7] Art. 622 tal-Kap 16
[8] Art. 625(1) tal-Kap 16
[9] P.A. 7.1.1936 fil-kawża fl-ismijiet Bartolo vs Bartolo et (Kollez. Vol: XXIX.ii.880 )
[10] Art. 629 tal-Kap 16

**Debono vs Alfred Falzon et”** deciza fit-**30 t’Ottubru 2003** per **Onor Imhallef Dr. G. Caruana Demajo**.

**Ikkonsidrat:**

Fit-testment tal-15 t’Ottubru 2004, it-testatur Mackay jiddikjara illi qieghed jiddezeredita’ lill-uliedu indikati a bazi ta’ :

a) krudelta’ u mohqrija;
b) nuqqas ta’ rispett;
c) nuqqas ta’ manteniment; u
d) theddid u nsulti maghmula personalment; insulti permezz tat-telefon.

Il-Qorti ser tibda biex tezamina ir-raguni ghat-tnehhija mill-wirt ai termini tal-Art. 623(a) tal-Kap. 16 u cioe’, li d-dixxendent **ikun cahad minghajr raguni l-manteniment lit-testatur**. Din ir-raguni tippresupponi stat ta’ indigenza serja jew kompleta da parti tat-testatur u konsegwentament id-dipendenza tat-testatur fuq l-ulied ghall-manteniment tieghu.

It-testatur matul il-hajja tieghu dejjem hadem, hlief ghal-perjodu ta’ xi xahar li ghamel l-isptar San Luqa, insegwitu t’incident bil-mutur. L-assi illi huwa rnexxielu jakruwixxi matul hajtu kienu konsiderevoli immens, kif jidher mill-provi li ingabru fil-kawza numru 744/2009/JZM, liema provi gew annessi f’dawn il-proceduri. Meta wiehed jara l-ammonti ta’ flus illi testatur kellu fl-akkonti bankarji, **wiehed ma jistghax ma jasalx ghal-konkluzjoni li t-testatur Anthony MacKay, f’xi mument ta’hajtu kien fil-bzonn jew kien jehtieglu xi manteniment minghand uliedu**.

L-intimati ma ressqu ebda prova li b’xi mod tirribadixxi dan l-istat ta’fatt, bi prova perezemju li Anthony MacKay f’xi perjodu ta’ hajtu kien jghix bir-*relief*. Illi di piu’, din il-Qorti m’hijiex se tinhela fuq it-thewdin li johrog minn Dok. A, biex tikkonsidra n-nuqqas tal-ghotja ta’ “bicca hobz”, meta dan il-hobz kien spicca, u l-valur ta’ rigal moghti fi zjara fl-

isptar (fejn in fin dei conti Anthony MacKay kien qieghed jigi ikkurat u mitmugh mill-Gvern),biex tqis kemm –il darba dan jikkonstitwix nuqqas ta' manteniment ai termini tal-Artikolu 623(a) tal-Kap.16. Certament li ma jikkostitwix nuqqas ta' manteniment.

Il-Qorti ser tezamina ir-raguni ghal-dizeredazzjoni ai termini ta' Art. 623(d) tal-Kap.16 u cioe' :

"***jekk id-dixxendent sawwat it-testatur, jew xort'oħra sar ħati ta' moħqrija lejh;"***

Il-Qorti wara li ezaminat ix-xhieda kollha prodotta f'dawn il-proceduri, hi tal-fehma li, kif ukoll issollevat fin-nota ta'sottomissjonijiet tal-intimati, illi minkejja dak illi hemm kontenut fl-afidavit tat-testatur Dok. A, ma hemm xejn li jista', anka b'mod remot, jikkwalifika bhala **"mohqrija"** fl-ghemil tal-atturi Caroline, u Josline nee' MacKay. Ghall-kuntrarju din il-Qorti issib illi fil-kamp tal-mohrija, hadd ma kien jissupera lit-testatur Anthony MacKay fil-familja tieghu. Din il-Qorti wara li fliet bir-reqqa l-affidavit Dok. A taghraf illi l-kwistjoni li sehhet fil-kamra mortwarja, li donnha ossesjonat lit-testatur Anthony MacKay, ma tikwalifikax, lanqas remotament, bhala "mohrija", kif konteplat fl-Art. 623(d) tal-Kap.16

Infatti l-incident kollu gie provokat mit-testatur Anthony MacKay stess, meta b'nuqqas t'ghaqal , diskrezzjoni u sensibilita', huwa ghazel illi jzur lill-mejta martu fil-kamra mortwarja akkompanjat minn xbintu u dan fil-prezenza t'uliedu f'mument ta' tant soghba. L-atturi u huthom xehdu illi huma canfru lill-misierhom illi ma messux giex akkompanjat mis-siehba tieghu ghaliex ma kienx postha. Il-Qorti ma ssib ebda mohqrija da parti tal-ulied, inkluz l-atturi, f' dan l-incident, u taghraf li kien it-testatur biss li weggha lil uliedu b'ghemilu f'istess incident.

Ghar-rigward tal-kwistjoni ta' fejn xtaqet li tindifen martu , din il-Qorti wara li fliet bir-reqqa kemm Dok. A u xhieda tal-atturi u huthom, tqis illi dan l-incident lanqas ma jista' jigi klassifikat bhala" mohqrija" ai termini tal-Art. 623(d) tal-

Kap.16. Fl-isfond tal-fatti u cirkostanzi migjuba a konjizzjoni ta' din il-Qorti, l-istess Qorti tista' tifhem ix-xewqa ta' mart it-testatur li ma tindifinx fil-qabar ta' zewgha u determinazzjoni t'uliedha li jezegwixxu x-xewqat t'ommhom. Il-Qorti taghraf ukoll l-animu vendikattiv tat-testatur, li biex jiscapricca x-xewqat ta' martu kif ezegwiti minn uliedha, ghazel li jbiegh il-qabar tieghu sabiex jimponi r-rieda tieghu fuq ir-rieda tal-mejta martu, u ir-rieda ta' uliedu fl-esekuzzjoni tax-xewqat t'ommhom.

Il-Qorti tghaddi biex tezamina it-tieni u raba' raguni indikati mit-testatur MacKay bhala raguni ghad-dezeredazzjoni. Bir-rispett, din il-Qorti taghraf li ghalkemm "in-nuqqas ta' rispett", jew "theddid u insulti" m'humhiex per se, ragunijiet indikati f'Artikolu 623 tal-Kap. 16 , din il-Qorti sejra tezaminhom taht dak mahsub fl-Artikolu 623(e) u cioe :

"***jekk id-dixxendent kien ħati lejn it-testatur ta' offiża gravi"***

Huwa evidenti mill-kliem stess tal-ligi illi nuqqas ta' rispett, insulti jew theddid ghandhom ikunu ta' certu gravita' u piz biex gudikant ikun jista' jikategarizzhom taht offiza gravi kif tghid il-ligi.

Din il-Qorti wara illi ezaminat l-affidavit Dok.A u xhieda tal-atturi hi tal-fehma illi it-testatur donnu jikkonforta ruhu li ibnu Dennis MacKay sejjer jikkorrobora dak kollu sostnut fl-affidavit tat-testatur. **Dennis MacKay ma ghamel xejn minn dan**, u din il-Qorti issib illi l-materji jew incidenti sollevati mit-testatur **m'huma xejn hlief pretest vendikattiv sabiex it-testatur joftom lill-atturi mill-porzjon riservat**.

Ghalhekk ghal dawn il-mottivi l-Qorti taghraf illi ebda wahda mir-ragunijiet ghad-dizeredazzjoni indikati mit-testatur Anthony MacKay fit-testment tieghu 15 ta' Ottubru 2004 ma tista' tigi ikkonsidrata bhala raguni tajba u siewi

skond il-ligi u ghalhekk l-atturi jisthoqqilhom is-sehem tal-porzjon riservat skond il-ligi.

Illi ghar-rigward tal-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti, l-meritu tal-istess eccezzjoni gie korrett fid-digriet datat 24 ta’ Marzu 2011 ta’ din il-Qorti kif diversament preseduta– vide fol 184. Ghaldaqstant il-Qorti tichad din l-eccezzjoni.

Ghar-rigward tat-tieni eccezzjoni dwar il-legitimazzjoni tal-atti ghar-rigward tal-konvenuti, Sorijiet tal-Ursolini, tali legitimazzjoni giet mitluba – vide fol 384 u dekretata minn din il-Qorti. Il-Qorti ghaldaqstant tichad din l-eccezzjoni.

Il-Qorti tghaddi biex tezamina t-tielet eccezzjoni tal-konvenuti, fis-sens li l-konvenuti Superjura Generali u l-Ekonoma tas-Sorijiet tal-Ursolini ma kienux il-legittimi kontradditturi stante illi ma kienux fil-vesti taghhom personali eredi tal-mejjet MacKay.

Illi l-Qorti tichad tali eccezzjoni fis-sens li t-testment ta’ Anthony Mackay tal-15 t’Ottubru 2004, jistitwixxi bhala eredi universali tieghu s-Sorijiet tal-Ursolini ta’ tas-Sliema u Sorijiet tal-Belt Valletta u lid-Dar tal-Providenza. Huwa car illi l-istess Superjura Generali u Ekonoma qeghdin imharrka ghan-nom u fl-interess tal-istess Sorijiet tal-Ursolini f’Tas-Sliema u tal-Belt, u mhux f’isimhom personali.

Din il-Qorti taghraf illi l-partijiet gentilment wasslu ghal ftehim ghal dak li jirrigwardja l-quantum tas-sehem tal-porzjon riservat mill-wirt tat-testatur Anthony MacKay. Infatti skond in-nota konguntiva datata 25 t’April 2013, il-partijiet ftehmu illi s-somma likwidata ghas-sehem riservat ghall-kull wahda mill-atturi, kienet tilhaq is-somma ta’ sitta u erbghin elf u hames mitt Ewro ( €46,500).

Illi fis-seduta tal-25 t'April 2013, il-partijiet kif assistiti ivverbalizzaw illi:

***"il-partijiet qedghin jaqblu li din il-Qorti ghandha taghti l-gudizzju taghha fuq il-kwsitjoni tad-dizeredazzjoni tal-atturi".***

Illi fin-nota ta'sottomissjonijiet tal-atturi tal-31 ta' Mejju 2013, l-atturi irtiraw is-sitt u seba' talba in vista tan-nota konguntiva tal-partijiet. In oltre l-atturi iddikjaraw illi l-ispejjez tal-kawza ghandhom jibqghu bla taxxa ***"ghax hekk ftehmu il-partijiet"-*** vide fol 385.

**Ghal dawn il-mottivi, l-Qorti taghraf illi l-partijiet qabblu fuq is-somma likwidata ta' sitta u erbghin elf u hames mitt Ewro (€46,500) ghal porzjon riservat ta' kull wiehed mill-atturi u cioe' Caroline sive Carol MacKay u Josephine sive Josline Gallagher ; taghraf illi skond il-verbal kongunt tal-istess data 25 t'April 2013 il-partijiet ftehmu li l-gudizzju odjern ghandu jigi limitat ghat-talbiet u eccezzjonijiet fuq il-kwistjoni ta' dizeredazzjoni.**

**Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad l-eccezzjonijiet tal-intimati, tilqa' l-ewwel, it-tieni, r-raba' talba u qed jigi dikjarat illi l-porzon riservat ghal kull wiehed mill-atturi u cioe' Caroline sive Carol MacKay u Josephine sive Josline Gallagher huwa fis-somma ta' sitta u erbghin elf u hames mitt Ewro (€46,500), u tilqa' l-hames talba tal-atturi Caroline sive Carol MacKay u Josephine sive Josline Gallagher billi tordna lil konvenuti jroddu lil atturi Caroline sive Carol MacKay u Josephine sive Josline Gallagher dan is-sehem hekk likwidat ta' sitta u erbghin elf u hames mitt Ewro (€46,500) lil kull wiehed minnhom, u tastieni milli tiehu konjizzjoni tat-talbiet l-ohra tal-atturi u tal-eccezzjonijiet l-ohra tal-intimati, in vista tan-nota konguntiva u verbal kongunt datat 25 t'April 2013.**

**Fic-cirkostanzi l-Qorti tqis illi l-ispejjez ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------